KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 58

It-tmienja u ħamsin seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet it-Tnejn 25 ta' Lulju 2016 fis-6.20pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| | Nanette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **SKUZATI** | Kris Busietta | Viċi Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsilliera |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| **UFFIĊĊJALI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| **PREŻENTI** | Stefania Friggieri | Principal |

*Is-Seduta bdiet b'din l-Agenda:*

1. *Qari u Approvazzjoni tal-Minuti*
2. *Punti mqajma mill-Minuti*
3. *Komunikazzjoni mis-Sindku*
4. *Korrispondenza*
5. *Approvazzjoni tal-Pagamenti*
6. *Tas-Sliema Clean up Strategy*
7. *Aġġornament*

*Is-Sindku talab ghal sospensjoni tas-seduta biex tiġi diskussa item 6. Kien hemm qbil dwar dan.*

## 6. TAS-SLIEMA CLEAN-UP STRATEGY

6.1 Is-Sindku informa li xtaq jitkellem dwar strategija li tista ssir biex ikun hemm aktar indafa fit-toroq u fakkar fil-kampanja edukattiva li kienet saret fil-bidu tal-leġislatura ta' dan il-Kunsill. Is-Sindku qiegħed jitlob li jkun hemm ħidma kollettiva mill-kunsilliera kollha biex jagħtu l-ideat tagħhom u eventwalment jiġu kombinati flimkien.

6.2 Is-Sindku qal li parti essenzjali ta' din l-istrateġija zgur ghanda tkun l-infurzar tal-ligi. Is-Sindku fakkar li kemm il-darba l-Kunsill talab għal Eco Wardens izda dawn baqgħu ma ġewx. Hu qal li fl-aħħar għamel kuntatt mas-Sur Curmi tal-kumpanija LESA fejn is-Sur Curmi talbu biex jibgħat email bit-talba ta' meta l-Kunsill ikollu bzonn dawn il-gwardjani. Is-Sindku qal li xtaq l-informazzjoni qabel din l-istess laqgħa ħalli jkun jista jinforma lill-Kunsilliera. Madankollu, is-Sindku qal li jinsab dizappuntat għaliex is-Segretarju Ezekuttiv bgħat email ftit wara lis-Sur Curmi fejn infurmah biex ma jieħux azzjoni qabel ma jkollu l-approvazzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku qal li hu kull ma għamel talab għal informazzjoni u ma ordna l-ebda xogħol, qal li kellha ssir komunikazzoni miegħu qabel ma ntbgħatet dik l-email, għaliex dehret li s-SE talab lis-Sur Curmi biex jinjorja l-email tas-Sindku. Is-Sindku rrimarka wkoll li hekk il-Kunsill ikun qiegħed jidher li mhux miexi f'direzzjoni waħda.

*Daħal il-Kunsillier J. Pillow għas-seduta 18.26*

6.3 Is-SE qal li ma għamel dan bl-ebda intenzjoni li jinjorja lis-Sindku, għaliex dejjem kien hemm komunikazzjoni tajba fuq kull materja oħra. Il-ħsieb tiegħu kien li ma ssirx xi ordni fejn jiġu involuti flus qabel ma jkun approva il-Kunsill, u li, sadattant qabel il-laqgha, lahaq ghamel it-telefonati li hemm bzonn biex l-informazzjoni li kellna bzonn waqt din il-laqgha dwar prezzijiet u *discount* qeghda f'idejh diga, u dan peress li jaf li l-LESA idumu hafna ma jwiegbu l-emails.

6.4 Il-Kunsillier P. Radmilli qal li f'ċirkostanzi simili tajjeb li jkun hemm komunikazzjoni qabel ma tintbgħat tip ta' korrispondenza

*Daħlet il-Kunsilliera L. Cassar Shaw*

6.5 Il-Kunsillier P. Radmilli qal li jkun aħjar li tintbgħat email lis-Sur Curmi b'kjarifikazzjoni u spjega taz-zewg emails. Kien hemm qbil dwar dan.

1. **QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-minuti 57_14/06/2016. Ma kien hemm ebda korrezzjoni.

1.2 Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-minuti. Il-Kunsilliera V. Galea Pace issekondat. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti. *Approvazzjoni tal-minuti*

2. **PUNTI MQAJMA MILL-MINUTI**

2.1 Dwar punt 2.1 dwar il-bins, is-SE kien bgħat email dwar is-suġġerimenti fejn jistgħu jitwaħħlu. Is-Segretarju Ezekuttiv qal ukoll li numru min dawn il-bins ser jitqeghdu fejn *bus stops* u ghaldaqstant ikollom jitressqu il-bins tas-CSD. Is-Segretarju qal ikun tajjeb illi dawn l-istess bins jibqghu fil-lokalita sabiex jizdied is-servizz tal-indafa. Il-Kunsillier J. Pillow talab li niktbu lis-CSD biex iressqu l-bins. Il-Kunsill qabel. *Bins*

2.2 Kien hemm qbil li l-bins l-grizi jitwaħħlu kif ġej:
Triq Tigne
Triq il-Kbira (x2)
Triq il-Kullegg l-Antik (fejn il-brige)
Triq il-Kullegg l-Antik (fejn il-kappella)
Triq Rudolfu ma' Triq Guze Ellul Mercer

Kien hemm qbil li l-bins is-suwed (jekk jaqblu is-CSD) jitwaħħlu kif ġej:
Qui Si Sana
Triq Rudolfu ma Triq San Trofimu
Triq it-Torri (bejn 136 u 139)
Triq il-Kbira ma' Triq Amery (x2)
Triq Dingli (x3)
Triq Tigne (fejn Remax)

2.3 Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw saqsiet jistghax jitwaħħal xi wieħed in-naħa ta' Triq Tonna. Ma kienx hemm qbil għaliex il-bankina dejqa u peress li ħadd ma jkun iridu quddiem ir-residenza tiegħu

din tkun problema. Il-Kunsill għandu jiċċekkja l-aħjar post biex jitwaħħal fi Triq Mrabat (lejn it-Turkish).

2.4 Kien hemm qbil li jerġa jitpoġġa id-*dog bin* fi Triq Rudolfu quddiem Villa Schinas.

2.5 Dwar punt 2.3 fejn il-Kunsill talab għal laqgħa mal-Ministru Owen Bonnici, il-Kunsill għadu bla risposta. *Talba għal laqgħa mal-Ministru*

2.6 Dwar punt 2.6 dwar it-*tender* għal *canopies* ta' Gnien Indipendenza, is-SE informa li l-Kunsill irċieva offerta waħda, fejn għamel *disclaimer* li tgħid: *Li dan il-prezz ma jinkludix il-bdil tal-injam kollhu.* Il-Kunsill qal li din taf tkun problema għaliex irid ikun hemm min jiddentifika liema dawk li jridu jinbiddlu jew le.

2.7 Kien hemm qbil li jinħareġ *tender* ġdid. Il-Kunsillier J. Pillow se jgħin biex jiġi issir *draft tender.*

2.8 Dwar is-sitwazzjoni tat-*ticketing booths* il-Kunsill ġie infurmat li se jkun hemm laqgħa mal-*Permanent Secretary* nhar it-Tnejn fit-3pm fejn ser tigi preparata *cabinet memo* fuq is-suggett. *Ticketing booths*

2.9 Is-SE informa li l-ħadid għal *outdoor gym* ġie *sand blasted* u l-apparat se jitwaħħal fuq il-post. Il-Kunsillier J. Pillow qal li tajjeb li ssir tabella li tgħid fejn kull min juza l-*equipment* hija responsabbilta tiegħu u jagħmel uzu ta' dan kif suppost. Kien hemm qbil dwar dan. *Outdoor Gym*

2.10 Dwar punt 2.12 dwar *tender* tad-dawl is-SE tkellem mad-DLG u informa li skond il-ligi, huwa ir-Regjun illi jrid johrog dan it-tender. Is-Sindku qal li din hi problema għaliex diġa m'hemmx efficenza bizzejjed b'ħames kunsilli, u jekk ikunu involuti erbatax il-lokalita tar-Regjun se jkun hemm aktar dewmien. Il-Kunsillier P. Radmilli saqsa se jsir dwar il-fondi. Is-SE qal li kull kunsill se jħallas il-parti tiegħu x'aktarx. *Tender tad-dawl*

2.11 Dwar punt 2.13 dwar cctv fi Qui Si Sana, il-Kunsill ġie infurmat li l-kamra tal-MIDI ghada mhux lesta u ghalhekk l-camera tas-CSD għada ma twaħħlitx. Bħala sistema ta' rapporti minn fuq cctv, il-Kunsill għandu jibda jitlob kemm ir-rapport ġie rrapportat lill-pulizija. *CCTV Qui si Sana*

2.12 Dwar cctv tax-Xatt il-Kunsll għandu jerġa jfakkar lis-CSD li din *Cctv tax-Xatt*

ghanda xi hsarat u jekk sarux rapport lill-Pulizija.

2.13 Dwar punt 3.4 dwar il-*bollards* li Polidano Bros waħħlu fit-tarmac bla permess tat-TM, is-SE informa li l-avukat tal-Kunsill kiteb it-tieni darba u l-Kunsill għadu ma rċieva ebda risposta. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jsaqsi għall-appoġġ tat-TM biex jitneħħew dawn il-bollards. *Bollards*

2.14 Il-Kunsilliera V. Galea Pace saqsiet dwar punt 3.3 dwar id-dwal tan-naħa tat-Torri. Il-Kunsill ġab zewġ stimi. Se jkun qiegħed jitlob għal aktar stimi u tiġi deċiza mill-ufficcju. *Dawl in-naħa tat-Torri*

2.15 Dwar punt 3.5 dwar il-plakki li kien hemm madwar il-monument Sri Chimnoy, tnewħħew minħabba periklu. Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw saqsiet jekk il-Kunsill irċeviex risposta mill-entitajiet li konna bgħatna dwar id-deċizjoni tal-Kunsill biex jitneħħa l-monument. Il-Kunsill ma rċieva l-ebda risposta. Kien hemm qbil li dawn l-ittri jerġgħu jintbgħatu reġistrati. *Monument Sri Chimnoy*

2.16 Dwar punt 3.8 dwar l-SAF, is-Sindku qal li din is-sena b'mod ġenerali l-attivita kienet aħjar mis-sena ta' qabel u qal li kellu xi kummenti dwar is-*soft opening* għaliex il-festival beda qabel il-Gimgħa 15 ta' Lulju u darb'oħra jkun tajjeb li l-Kunsill javza bil-ġranet ta' qabel ukoll. *SAF*

2.17 Dwar punt 5.8 dwar l-allokazzjoni għall-iskart il-Kunsill ġie infurmat li l-ezerċizzju se jsir f'Ottubru 2016 u jekk mid-DLG jirrizulta li Fort Cambridge mhux inkluz, suppost ghanda tizdied l-allokazzjoni. *Allokazzjoni għal skart*

2.18 Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw qalet li din is-sitwazzjoni mhux ġusta għal dawn ir-residenti u din mhiex problema tar-residenti. Il-Kunsilliera Cassar Shaw qalet li hi kellha laqgħa magħhom u dawn infurmawa li se jibdew joħorġu l-iskart fuq il-bankina għaliex dan suppost jinġabar mill-Kunsill. Semmiet ukoll id-diffikulta dwar is-servizz tal-bulky refuse. Is-Segretarju qal li l-problema tal-bulky refuse qed tirrizulta mill-amministratur tal-blokka, ghaliex ghadu ma identifikax post fuq gewwa minfejn jingabar dan l-iskart. *Fort Cambridge – gbir ta' skart*

2.19 Il-Kunsillier P. Radmilli qal li filwaqt li jaqbel li din hija inġusta, jekk m'hemmx fondi il-Kunsill ma jistax jagħmel mod ieħor u hemm ċans li jekk nibdew niġbru l-iskart mingħajr l-allokazzjoni zejda, il-fondi jibqgħu ma jaslux. Il-problema li dan huwa kumpless sħiħ u

mhux bini ta' sitt appartamenti.

2.20 Il-Kunsillier J. Pillow issuġġerixxa biex dawn ir-residenti jagħmlu protesta fuq bazi ta' diskriminazzjoni, quddiem il-bini Fort Cambridge u l-Kunsill jagħti s-support tiegħu. Il-Kunsillier P. Radmilli qal li jekk iridu jaslu jagħmlu pressjoni mal-Ministeru tal-Finanzi, u qal ukoll li l-Kunsill issa zied il-ħlasijiet tal-Wasteserv.

2.21 Kien hemm qbil li l-Kunsill jitlob għal laqgħa mal-Ministru Owen Bonnici u ninfurmawh li l-Kunsill jixtieq jiltaqa ukoll mal-Ministru tal-Finanzi. Għal din il-laqgħa għandhom jattendu s-Sindku u l-Kunsilliera L. Cassar Shaw.

*Il-Kunsillier P. Portelli ġie skuzat mis-seduta 19.55*

2.22 Dwar 7.3 dwar in-nuqqasijiet tal-kumpanija SRF, il-Kunsill ġie infurmat li l-ittra ntbgħatet.

2.23 Dwar punt 7.16 dwar ir-Regina car park il-Kunsill ġie infurmat li se jsir is-smiegħ tal-appell. Il-Kunsillier P. Radmilli se jattendi. *Regina carpark*

*Il-Kunsillier P. Portelli daħal lura għas-seduta 20.00*

**3. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU / 4. KORRISPONDENZA**

3.1 Il-Kunsill ġie infurmat li hemm talba biex issir applikazzjoni għal programm tal-EU Erasmus+ ma NGO Palestinjana. Din għandha tiġi mgħoddija lill-Kunsilliera P. Radmilli, D. Muscat u M. Briguglio sabiex tinhadem flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv. *EU Funding*

3.2 Il-Kunsill ġie infurmat li TM bgħatu korrispondenza fejn saqsew jekk il-Kunsill għandux xi postijiet li jista jissuġġerixxi biex ikun hemm *charger* għal karozzi li jaħdmu bl-elettriku. Il-postijiet li ġew indikati huma: *Electric cars – charging points*

Triq it-Torri (fejn Speedy)
Triq Dingli (fin-naħa tal-Pjazza fejn il-Posta)
Triq Mrabat (il-biċċa l-wiesgħa)
Triq it-Torri (fejn il-Preluna)
Triq Censu Xerri (in-naħa ta' fuq)

3.3 Il-Kunsill irċieva talba mil-kappillan biex jitwaħħlu posters matul il-promenade biex iwasslu messaġġi posittivi biex tiġi apprezzata aktar in-natura. Kien hemm qbil dwar dan. *Posters*

3.4 Is-Sindku ressaq talba minn *Maltese - Italian Chamber of Commerce sabiex* tittella l-attivita *Italian Wine Festival* fi Gnien Indipendenza. *Italian Wine Festival*

*Il-Kunsilliera L. Cassar Shaw ġiet skuzata li titlaq mis-seduta 20.25*

3.5 Il-Kunsill qabel li din għandha ssir in-naħa ta Qui Si Sana, Chalet, Għar id-Dud minnflok fil-Gnien.
Kien hemm qbil ukoll:
Li tinzamm garanzija Ta' Ewro 1500
Li jagħmlu l-permessi oħra kollha neċessarji bħal tal-MEPA, pulizija etc.,
Li jkunu responsabbli għas-sigurta waqt l-attivita u indafa wara l-attivita
Li ma jkunx hemm min ibiegħ l-ikel minħabba r-*restaurants* tal-viċin.

3.6 Il-Kunsill talab ukol jekk jistax jasal f'tip ta' qbil mal-organizzaturi biex jagħtu xi tip ta' kontribut għal tas-Sliema relatata mal-ambjent.

3.7 Il-Kunsill irċieva talba minn *The Art of Performance* biex jitpoġġa *trailer* quddiem carpark Fortizza. Il-Kunsill qal li dawn iridu japplikaw it-TM. Fir-rigward għat-*test drives* dawn ma kienx hemm qbil li isiru. *The Art of Performance*

3.8 Dwar il-korrispondenza li bghatet L. Cassar Shaw dwar Triq Censu Xerri, kien hemm qbil li ssir stima tax-xoghol mill-perit u terga tigi diskussa ghall-approvazzjoni. *Triq Censu Xerri*

## 6. APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI

6.1 Ġiet imressqa lista ta' pagamenti li kienet intbgħatet mal-Agenda, kif ukoll lista oħra ta' ħames pagamenti biex jiġu approvati.

6.2 Il-Kunsillier J. Pillow talab biex jiġi iċċekkjat jekk hemmx *leakage* fid-*drinking water fountain* 4. Is-Sindku qal li jkun tajjeb li l-Kunsill jkollu meter reader.

6.3 Dwar il-pagament tal M Quip il-Kunsill irimarka li hemm xi *dustbins* bl-għatu maqlugħ, il-bandli tad-*disabled* issaddew diġa,

ic-*chimes* tat-tfal huma perikoluzi minħabba t-truf tagħhom. Il-Kunsillier J. Pillow qal li nieħdu r-ritratti ta' dawn in-nuqqasijiet u nibgħatuhom email. Sadanittant kien hemm qbil li l-pagament se jinzamm *on hold*.

6.4 Is-Sindku approva l-pagamenti. Il-Kunsillier J. Pillow issekonda. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti — Approvazzjoni tal-pagamenti.

**6. TAS-SLIEMA CLEAN UP STRATEGY**

6.1 Is-Sindku qal li dan l-item għandu jitla fuq l-Agenda tas-seduta li jmiss. Sadanittant il-Kunsill għandu jiltaqa biex kulħadd iressaq l-ideat tiegħu. Is-Sindku qal li l-*contracts manager* għandu jkun prezenti għal din il-laqgħa wkoll.

6.2 Il-Kunsillier P. Portelli qal li din għandha tkun *non paper campaign* u naħdmu ma kumpaniji oħra.

6.3 Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jiltaqa biex jiddiskuti aktar nhar it-Tlieta 9 ta' Awissu, 2016 fis-6pm — *Laqgħa dwar clean up stategy*

**7. SUGGERIMENTI**

7.1 Il-Kunsillier P. Radmilli qal li hemm bzonn isir iffriskar ta' linji sofor fejn il-Captain Morgan u z-zebra crossing ta' Sliema Hotel. Is-Sindku flimkien mal-Kunsillier Radmilli għandhom jinzlu *on site* ħa jaraw x'inhu l-aħjar li jisir.

7.2 Il-Kunsillier P. Radmilli informa li r-Regjun iddeċieda li jħallas l-avukat tar-Regjun biex ikunu jistgħu jgħinu għal *bye laws* tal-Kunsilli Lokali.

**8. AGGORNAMENT**

8.1 Is-seduta intemmet fl-21.41. Seduta oħra ġiet imsejħa għal nhar it-Tlieta 30 ta' Awissu 2016 fis-6pm

Minuti approvati llum 30/08/2016

**Anthony Chircop**
**Sindku**

**Matthew Dimech**
**Segretarju Eżekuttiv**